MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 617/2010

**Perit Andrè Pizzuto**

**vs**

**G.A. Investments Limited u M.C.A. Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-17 ta’ Gunju 2010 li jghid hekk:

1. Illi fid-9 ta' Settembru 2008 l-attur u z-zewg socjetajiet konvenuti kienu dahlu f'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza rigwardanti l-penthouse, bl-arja ta' fuqha, internament immarkata bin-numru 10, formanti parti minn blokk ta' appartamenti msejha 'Neuk Court', 173, Triq Nazju Ellul, Il-Gzira ("Dok. AP01").

2. Illi dan l-att pubbliku tad-9 ta' Settembru 2008 kien jipprovdi, inter alia, ghat-trasferiment tal-fuq imsemmija penthouse mis-socjetajiet konvenuti lill-attur "in a finished state" u s-socjetajiet konvenuti kienu ntrabtu illi jwettqu u jlestu x-xogholijiet rimanenti fl-imsemmija penthouse fi zmien hamsa u erbghin gurnata mid-data tal-istess att. Ix-xogholijiet pendenti kienu gew elenkati u mmarkati bhala "Dokument C" li huwa anness mal-istess att pubbliku.

3. Illi x-xogholijiet elenkati fl-imsemmi kuntratt pubbliku ma gewx ikkompletati mis-socjetajiet konvenuti fi zmien hamsa u erbghin gurnata mid-data tal-istess kuntratt u sa llum l-imsemmija xogholijiet ghadhom mhumiex lesti, hekk kif jidher mir-rapport tal-Perit Ivan Buttigieg ("Dok. AP02"). Ix-xogholijiet pendenti u rimanenti fl-imsemmija penthouse huma wkoll elenkati fl-istess rapport tal-Perit Buttigieg.

4. Illi wkoll, il-ftit xogholijiet fil-penthouse mwettqa mis-socjetajiet konvenuti huma difettuzi u ma sarux skond is-sengha u l-arti u ghaldaqstant jinhtieg illi dawn jinqaghlu u jergghu jsiru mill-gdid, hekk kif jidher ukoll mir-rapport tal-Perit Ivan Buttigieg ("Dok. AP02").

5. Illi ghaldaqstant, is-socjetajiet konvenuti kisru u huma inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghhom lejn l-attur.

6. Illi l-ispejjez necessarji sabiex jigu rimedjati x-xogholijiet hziena u difettuzi mwettqa mis-socjetatjiet konvenuti fil-penthouse fuq imsemmija u l-ispejjez necessarji sabiex ix-xogholijiet elenkati fil-fuq imsemmi kuntratt pubbliku tad-9 ta' Settembru 2009 jigu konkluzi huma wkoll elenkati fir-rapport tal-Perit Ivan Buttigieg ("Dok. AP02").

7. Illi l-attur kien ukoll dahal fi trattattivi serji u avvanzati ma' terzi sabiex jikri l-imsemmija penthouse lill-istess terzi, izda peress illi x-xogholijiet ma gewx ezegwiti mis-socjetajiet konvenuti din il-kirja ma setghetx issir, b'telf finanzjarju ghall-attur.

8. Illi l-attur kien l-ewwel interpella lill-konvenuti diversi drabi sabiex iwettqu l-obbligi kontrattwali taghhom, imbaghad, wara li l-konvenuti baqghu ma wettqux ix-xogholijiet, l-attur kien interpellahom sabiex ihallsuh id-danni sofferti minnu konsegwenza tal-inadempjenza taghhom, izda dawn ghal darb'ohra baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-attur inkorra u sofra danni minhabba illi s-socjetajiet konvenuti kisru u kienu inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghhom naxxenti minn kuntratt pubbliku datat 9 ta'

Settembru 2008 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza u dana stante illi s-socjetajiet konvenuti naqsu milli jikkompletaw u jlestu x-xogholijiet fil-penthouse in kwistjoni entro t-terminu pattwit u l-ftit xogholijiet imwettqa mis-socjetajiet konvenuti kienu difettuzi u ma sarux skond is-sengha u l-arti.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-inadempjenza tas-socjetajiet konvenuti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lill-attur dawn id-danni hekk kif illikwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 t'April 2010 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjetajiet konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjetajiet konvenuti u l-kontrotalba li jghidu hekk:

1. ILLI preliminarjament ir-rikors guramentat promotur huwa null u invalidu fil-ligi in kwantu l-ewwel talba, mehuda flimkien mad-dokumenti prezentati, mhijiex cara, fin-nuqqas ta' kjarifika, in kwantu ma tirrizultax kjarament minnha l-bazi legali tal-azzjoni attrici;

2. ILLI l-maggor parti mill-allegati difetti, apparti li mhumiex difetti, jirrelataw ma' xoghol li sar qabel il-bejgh, b'mod illi (a) l-attur kellu semmaj jesperixxi l-actio redhibitoria jew aestimatoria; (b) fi kwalunkwe kaz id-difetti allegati qatt ma kienu latenti, u bhala perit hu nnifsu l-attur zgur li seta' jarahom u semmaj ma jixtrix; u (c) fi kwalunkwe kaz kull azzjoni simili hija ampjament perenta;

3. ILLI l-esponenti, filwaqt illi entro t-terminu stipulat lestew il-bicca l-kbira tax-xogholijiet miftiehma f'Dok. C, kellhom jissospendu x-xogholijiet minhabba l-fatt illi l-attur kellu jipprovdi fost l-ohrajn il-madum u s-settijiet tal-banju u artikoli relatati; l-esponenti ntbaghtu jigbru l-istess minghand Joseph Pitre Ltd, li rrifjutaw li jikkonsenjaw minhabba li ma kienux imhallsin; fil-fatt jirrizulta li l-attur kellu kwistjoni maghhom li ghadha tkarkar sa llum, kif jirrizulta mill-atti tal-kawza fl-ismijiet Joseph Pitre Limited vs AIC Andrè Pizzuto (TTZ 460/09VGD, ara Dok. JPL); l-esponenti ghalhekk stiednu lill-attur sabiex jipprovdi fornitur altemattiv jew igib materjal iehor, u kien l-attur li baqa' inadempjenti;

4. ILLI sussegwentement, sabiex il-partijiet jippruvaw isibu soluzzjoni saret laqgha ghand in-Nutar Victor J. Bisazza, izda waqt l-istess laqgha l-attur informa lill-esponenti li huwa kien ittermina l-appalt unilateralment u kien qabbad lil terzi jkomplu x-xoghol; minn dan isegwi:

(i) illi diversi mil-lanjanzi elenkati fir-rapport ex parte huma semplicement rizultanti mill-fatt illi x-xogholijiet gew interrotti hesrem; f'dawn it-tip ta' xogholijiet, certu finishings kif ukoll snags jithallew ghall-ahhar sija bhala kwistjoni ta' organizzazzjoni u sija ghaliex irid ikun hemm certu sekwenza fix-xoghol; ladarba l-appalt gie tterminat qabel mal-attur ademplixxa ghall-obbligi tieghu ta' prokurazzjoni ta' materjal, l-esponenti ma jistghux jitqiesu responsabbli talli ma komplewx u ma spiccawx ix-xoghlijiet;

(ii) illi l-esponenti ma jistghux jinzammu responsabbli ghall-istat attwali tax-xogholijiet, billi wara l-intervent ta' terzi fuq il-lant huwa impossibbli li jigi stabbilit fiex issarrfu x-xogholijiet effettwati minn tali terzi; biex tkompli tghaqqad, l-attur qabbad biex ikomplilu turnkey contractor lil certu Kurt Galea Pace, sfortunatament maghruf fis-settur u lill-esponenti ghan-nuqqas ta' attendibilita tieghu, kif tixhed lista impressjonanti ta' 44 kawza miftuha kontra tieghu li jirrizultaw mid-database tar-Registru;

(iii) illi billi l-appalt gie tterminat unilateralment mill-attur, ma jistghux jintalbu danni ghad-dewmien minn dakinhar 'il quddiem;

5. ILLI r-rapport ex parte qieghed isostni affarijiet li ma jaqblux assolutament ma kwantu gie miftiehem bejn il-partijiet; hekk, per ezempju, il-para. 1.1 ighid illi ma kellux ikun hemm gypsum board f'hajt estern u minflok kellhom isiru concrete bricks, meta l-partijiet qablu (ara Dok. C) li l-gypsum board kellu jigi sostitwit b'cement board, u dan fuq talba tal-attur li huwa perit hu nnifsu, haga li ma lahhqitx saret minhabba t-terminazzjoni prematura tal-appalt; bl-istess mod, il-perit ex parte qieghed isostni li kellhom isiru diversi xogholijiet li qatt ma kienu jiffurmaw parti mill-appalt u mix-xogholijiet elenkati f'Dok. C;

6. ILLI minghajr pregudizzju, in-natura tat-talba ghad-danni kif dedotta u fuq il-bazi kif dedotta hija kontrarja ghal kwantu stipulat fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Kontrotalba

1. ILLI l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni attrici sabiex jipproponu s-segwenti kontrotalba taghhom ai termini tal-artikolu 396 tal-Kap.12;

2. ILLI l-esponenti iffirmaw kuntratt ta' bejgh u trasferiment tal-fond ossija penthouse internament numru ghaxra (10), 173, fi Triq Nazju Ellul, Gzira lill-attur rikonvenzjonat, liema kuntratt kien jinkludi bhala kundizzjoni u bhala appalt ta' xoghlijiet dawk ix-xoghlijiet elenkati f'Dok C; in konnessjoni ma' liema xoghlijiet gie ritenut ghand in-Nutar Victor Bisazza "retainer" ta' elfejn euro;

3. ILLI ghalkemm il-kuntratt ma jispecifikax dan espressament, il-partijiet kienu miftiehmin illi l-attur rikonvenzjonat kellu jipprovdi certi artikoli u materjal, tant illi l-elenku tax-xogholijiet kien jispecifika li l-esponenti kienu obbligati biss illi jwahhlu u jinstallaw tali artikolu u materjal, u mhux jipprovduh;

4. ILLI wara perijodu li l-esponenti talbu insistentement lill-attur rikonvenzjonat sabiex jissuplixxi l-materjal hekk kif kien obbligat li jaghmel, l-attur rikonvenzjonat mhux talli baqa' inadempjenti, talli informa lill-esponenti li kien ingagga lil terzi persuni sabiex jikkompletaw ix-xogholijiet; u b'hekk ittermina l-appalt unilateralment u minghajr raguni valida fil-ligi;

5. ILLI l-esponenti jiddikjaraw illi jafu personalment bil-fatti hawn dikjarati u li ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu umilment lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna jogghobba:

i. Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat kien obbligat illi jissuplixxi l-artikoli u l-materjal necessarji ghax-xogholijiet elenkati f'Dok.C;

ii. Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat baqa' inadempjenti u li ghalhekk l-esponenti baqghu fl-impossibilita li jikkompletaw l-istess appalt;

iii. Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat ittermina unilateralment l-appalt li kien ta lill-esponenti minghajr raguni valida fil-ligi;

iv. Tillikwida il-kumpens u/jew id-danni spettanti lill-esponenti ai termini tal-artikolu 1640 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas kwantu likwidat lill-esponenti;

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat, ingunt in subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat ir-risposta ghal kontrotalba tal-attur li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, il-kontrotalba tas-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti M.C.A. Holdings Limited (C31769) hija nulla u invalida in kwantu Johann Said (I.D. 309470M) mhuwiex vestit bir-rapprezentanza gudizzjarja ta' din is-socjeta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjetajiet konvenuti rikonvenzjonanti G.A. Investments Limited u M.C.A. Holdings Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, inkluz ghar-ragunijiet imfissra fid-dikjarazzjoni tal-fatti hawn isfel u fir-rikors guramentatipprezentat mill-esponenti rikonvenzjonat fl-atti tal-kawza de quo.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti rikonvenzjonanti li r-rapprezentanti taghhom huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti, it-tlett rapporti tal-espert tekniku u n-noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

L-attur qed jallega li in segwitu ghal kuntratt ta’ bejgh ta’ penthouse mibjugh lilu mill-konvenuti, irrizultaw danni konsistenti kif gej u cioe (a) nuqqas ta’ adempjenza da parti tal-konvenuti li jlestu l-fond mibjugh skond kif miftiehem fl-istess kuntratt entro terminu pattwit; (b) hsarat u nuqqasijiet fix-xogholijiet li lahqu tlestew fil-fond skond kif pattwit; (c) danni konsegwenzjali konsistenti f’telf ta’ qliegh ghal attur li ma setax jutilizza l-fond billi jikrih lil terzi.

Qabel xejn jigi precizat illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghal kontrotalba tal-konvenuti gew irtirati skond il-verbal li sar fil-11 ta' Jannar 2011.

**Fatti**

Bhala fatti cari li johorgu mill-kuntratt ta' bejgh tad-9 ta' Settembru 2008 jirizulta illi l-penthouse mertu tal-kawza inbiegh in a finished state. Pero jirrizulta wkoll illi kien ghad hemm xogholijiet li mhumiex lesti u ghalhekk sar ftehim anness mal-istess kuntratt (Dok. C a fol. 11 et seq. tal-process) b'xogholijiet li l-vendituri kelhom ilestu sa 45 gurnata mill-kuntratt ta' akkwist.

Bhala fatt jirrizulta wkoll illi hafna mix-xogholijiet miftehma li kellhom isiru fil-fatt ma sarux entro l-45 gurnata, tant illi saru diversi inkontri senjatament kemm man-nutar u bejn l-avukati tal-partijiet. Il-konvenuti jghidu li n-nuqqas kien htija tal-attur li ma kienx ikun Malta kontinwament. Il-provi pero juru illi l-attur kien spiss gej u sejjer minn Malta u in ogni kaz kien hemm persuni ohra prezenti bhal missieru li setghu gew konsultati u in ogni kaz kull diffikolta setghet giet imwittija permezz ta' e-mails. Il-konvenuti jghidu wkoll illi parti mid-dewmien kien dovut ghal konvenut li qala' s-shower diversi drabi biex tigi istallata kif riedha. Ghalkemm jirrizulta illi fil-fatt is-shower tray kellu jinqala biex isir flush mal-art u inqala intopp fuq xi madum konness mal-istess shower, pero din kienet kwistjoni minima hafna komparat mal-elenku tax-xogholijiet li kelhom iwettqu l-konvenuti skond document 'C'. Il-konvenuti wkoll isostnu illi l-attur dam ma ghazel il-madum u l-fittings u dan wassal ghal dewmien. Pero din l-allegazzjoni wkoll tirrizulta infondata mix-xiehda ta' Camilla Pitre mnejn gie ordnat il-madum li tixhed li hlief ghal affarijiet zghar hafna kollox gie konsenjat sa Awwissu 2008.

Il-Qorti rat ir-rapporti tal-espert tekniku l-perit Godwin Abela li irrefera ghar-rapporti peritali ex parte maghmul mill-perit tal-attur Ivan Buttigieg fit-22 ta' Jannar 2010 u jasal ghal konkluzjzjoni ibbazata wkoll fuq access maghmul mill-istess perit gudizjarju fil-25 ta' Frar 2011 illi hafna mix-xogholijiet li kellhom isiru mill-konvenuti kif miftiehem fil-kuntratt ta' bejgh ma sarux entro z-zmien stipulat. Anzi jirrizulta lil Qorti illi dawn ix-xogholijiet baqghu qatt ma saru sakemm l-attur waqqaf lil konvenuti milli jitterminaw x-xogholijiet fl-Lulju 2010;hi l-fehma

tal-perit tekniku u maghha taqbel din il-Qorti, illi ma kien hemm ebda gustifikazzjoni valida ghal konvenuti li ma jitterminawx ix-xogholijiet miftehma u dan ghal zmien konsiderevoli wara li suppost kellhom jigu terminati x-xogholijiet. L-elenku tax-xogholijiet li ma gewx terminati skond il-perit tekniku mqabbad mill-Qorti hi sostanzjali paragunat ma’ dak li fil-fatt is-socjetajiet konvenuti kellhom ilestu.

It-talba attrici hi wahda cara. Hu qed jitlob id-danni konsistenti f’dak li jrid jonfoq hu biex jittermina dak li naqsu jitterminaw il-konvenuti skond id-dokument anness mal-kuntratt ta’ bejgh kif ukoll danni biex jirranga dak li lahaq sar u ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Dwar din il-kwistjoni kien hemm nuqqas ta’ kjarezza fir-rapporti peritali. Fl-ewwel rapport tieghu il-perit tekniku esprima l-opinjoni li f’uhud mix-xogholijiet li ghamlu l-konvenuti skond il-ftehim anness mal-kuntratt kien hemm difetti u xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti. Hu ghamel zewg stimi wahda ta’ €8,967.82 ghal xogholijiet li ma sarux u €2,458.50 ghal xogholijiet rimedjali. Pero jigi rilevat illi r-rapporti ex parte tal-perit tal-attur qasam ir-rapport tieghu f’zewg partijiet wiehed dwar xogholijiet maghmula hazin u mhux skond is-sena u l-arti u l-iehor dwar xogholijiet miftehma fil-kuntratt li ma sarux.

L-ewwel talba attrici hi ghad-danni sofferti kawza ta’ inadempjenza kontrattwali naxxenti mill-ftehim dwar xogholijiet li kellhom isiru wara l-kuntratt u tiswijiet ta’ dawk ix-xogholijiet li lahqu saru skond l-istess ftehim izda li saru hazin. Il-kompitu tal-perit tekniku fit-tieni u t-tielet rapport tieghu kienu intizi biex jispecifika kemm mill-ammont likwidat bhala danni ghal xogholijiet hziena kienu relatati ghal xogholijiet li kellhom isiru wara l-kuntratt. Fit-tielet rapport tieghu l-perit tekniku rega’ specifika illi d-danni relatati ma‘ xogholijiet kompletati skond il-ftehim huma dawk elenkati fil-paragrafu 4.01 tar-relazzjoni tieghu tal-1 ta’ Settembru 2014 ammontanti komplessivament ghal €8,967.82 inkluz il-VAT. Pero l-perit tekniku meta semma l-ispiza ghal danni rimedjali ma specifikax mill-ammont likwidat ta’ €2,458.50 inkluz il-VAT kemm kellu jigi attribwit lil xogholijiet li fil-fatt lahqu saru skond il-ftehim fil-kuntratt ta’ bejgh u kemm kien relatat ghal xogholijiet li kienu lahqu saru qabel il-kuntratt li ma jifformawx parti mill-kontestazzjoni.

Il-Qorti ghalhekk hi rinfaccjata bil-problema li ma tistax tasal ghal konkluzzjoni dwar kemm mill-ammont ta’ danni ghal xoghol rimedjali kien jirreferi ghal xoghol li kellu jsir wara l-kuntratt u fil-fatt sar hazin. Il-perit ex parte Ivan Buttigieg fid-dikjarazzjoni li ghamel mar-rapport teighu wkoll ma specifikax u iddistingwa bejn dawn id-danni u ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi la darba l-attur ma gabx prova cara dwar din il-parti tad-danni u r-rapport peritali gudizjarju baqa’ ma iddistingwiex bejn id-danni ghal xoghol hazin relatat ma’ xogholijiet li kellhom jigu kompletati wara l-kuntratt, ebda danni ma jistghu jigu likwidati f’din il-parti tal-vertenza.

Il-Qorti tqis pero illi l-ammont ta’ €8,967.82 likwidat mill-perit tekniku ghal xogholijijet miftehma u mhux kompletati mil-konvenuti wara l-kuntratt u dan minghajr ma ingiebet ebda gustifikazzjoni kredibbli ghal dan, ghandha tigi milqugha a favur l-attur.

Il-Qorti ma tarax mertu fl-eccezzjoni tal-konvenuti illi l-azzjoni attrici kienet dik redhibitoria jew aestematoria billi t-talba attrici kienet tirreferi biss ghal inadempjenza kuntrattwali naxxenti minn kundizzjoni li kellha tigi ottemperata mill-konvenuti wara l-kuntratt ta’ bejgh b’forma ta’ appalt, u mhix relatata ma’ difett fil-binja naxxenti mill-kuntratt ta’ bejgh (ara dwar din id-distinzjoni u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Ray Pace et vs SN Properties Limited et**, 05/12/2014). Daqstant iehor hi bla ebda forza l-eccezzjoni li t-talba hi perenta kemm ghaliex ebda artikolu tal-ligi ma issemma mill-istess konvenuti in sostenn ta’ dan l-eccezzjoni (ara **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia**, App Inf 22/06/2005) u in ogni kaz kif inghad it-talba attrici mhix ibbazata fuq difetti latenti.

L-attur talab pero danni ghal nuqqas ta’ qliegh li seta’ ghamel mill-kirja tal-fond li kieku x-xogholijiet gew kompletati mill-konvenuti fiz-zmien miftiehem. Il-Qorti hi tal-fehma illi dawn id-danni iridu jirrizultaw bhala realistici u probabbli u mhux semplicement ipotetici. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Joseph Falzon et vs John Vella** deciza fil-11 ta’ Marzu 2014:

> Il-Qorti tirrileva li danni derivanti minn inadempjenza kontrattwali ghandhom ikunu ristretti u relatati ma’ dik l-inadempjenza u ghandhom ikunu konsegwenzjali ghaliha ("**Galea v. Combinati Transport Serv. Ltd.**" – Qorti ta’ l-Appell - 30 ta’ Marzu 2001).
>
> B’mod generali, d-danni ex contractu jikkonfiguraw ruhhom fit-telf li l-kreditur ikun bata u l-qligh li jkun gie mtellef (Artikolu 1153 Kap. 16). Id-debitur hu obbligat biss ghal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta’ jobsor fiz-zmien ta’ l-obbligazzjoni

(Artikolu 1136 tal-Kodici Civili) [ara "**Herrera v. Debattista**" - Prim Awla tal-Qorti Civili - 21 ta' April 2004).

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-13 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Co. Ltd.**" : fis-sistema legali taghna … hu rikonoxxut lill-gudikant…il-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risacrimento del quale taluno fu condannato."

Il-Qorti tqis din il-parti tal-talba mhix gustifikata ghaliex l-attur qed jibbaza din it-talba fuq il-fatt illi kien hemm terz li ried jikri l-fond izda ma setax ghax il-fond ma kienx ghadu abitabbli f'Dicembru 2008. Pero jirrizulta illi ghalkemm il-konvenuti kellhom 45 gurnata biex jitterminaw ix-xogholijiet mill-kuntratt ta' bejgh tad-9 ta' Settembru 2008, fil-fatt l-attur jidher mix-xiehda tieghu stess li ikkonceda lil konvenuti li jlestu x-xogholijiet miftehma sal-14 ta' Awwissu 2009 u dan minghajr riserva ghal xi drittijiet ohra li seta' kellu. Dan ipoggi fix-xejn dak li qed jitlob l-attur b'referenza ghal xi interess li terz seta' kellu fil-kirja tal-fond.

Jirrizulta illi fis-17 ta' Gunju 2010 l-attur fetah il-kawza odjerna wara li l-konvenuti naqsu li jitterminaw ix-xogholijiet miftehma. Ma gie ippruvat ebda telf ta' dhul f'dan il-perjodu bejn Awwissu 2009 u Gunju 2010 u t-talba generika u ipotetika tal-attur ma tistax titqies bhala suxxettibbli ghal kundanna ghal xi kumpens.

Billi t-talbiet rikonvenzjali tal-konvenuti huma mibnija fuq l-allegazzjoni li ma setghux ikomplu bix-xoghol miftiehem ghax l-attur naqas li jissuplixxi l-materjal, irrizulta illi irrispettivament min min kellu jissupplixxi l-materjal, il-materjal kollu gie supplit u in ogni kaz kien gie supplit kollu skond ma xehdet Camilla Pitre mnejn inxtraw il-kmamar tal-banju hlief ghal xi ftit madum madwar shower tray u xi mixers, li zgur ma fixklux milli l-maggor parti tax-xogholijiet miftehma jitlestew, pero kif irrizulta, ftit li xejn tlesta sakemm infethet il-kawza aktar minn sena u nofs wara l-kuntratt ta' bejgh. In oltre ma hux kredibbli li l-attur zamm milli jsiru x-xogholijiet ghax ma kienx ikun f'Malta. L-attur esebixxa dokumenti varji li juru meta ma kienx f'Malta u illi f'hafna okkazzjonijiet kien f'Malta u illi kull problema setghet tigi solvuta

b’telefonati jew e-mails jew tramite persuni ohra fdati mill-attur bhal Marcel Pizzuto u missier l –attur li kienu f’Malta kontinwament. Il-provi invece juru illi sa mindu sar il-konvenju ta’ bejgh sa aktar minn sentejn wara, l-konvenuti naqsu li jikkompletaw il-fond kif imwieghed minnhom u dan bla raguni valida li tezentahom mir-responsabilta ghal tali nuqqas.

Ghalhekk il-kontrotalba ghandha tigi michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti inkluz l-eccezzjoni li t-talba attrici hi perenta; tilqa’ t-talbiet attrici in linea ma’ dak deciz u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lil attur s-somma ta’ €8,967.82 li fih inkluz il-VAT in linea ta’ danni ghal xogholijiet mhux kompletati kif miftiehem, bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat; tichad il-kontrotalba tas-socjetajiet konvenuti ghaliex infondati fil-fatt; bl-ispejjez kollha ghal konvenuti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------